# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

---

**Illum it-23 ta' Frar 2021**

Appell numru 4 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Vincent Oliver ABELA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

### A. Il-FATT IMPUTAT

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-22 ta' Diċembru 2017 fil-konfront ta' Vincent Oliver ABELA, karta tal-identità bin-numru 97246M li ġie mixli:

    1. Talli fl-24 ta' Novembru 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gżejjer, impjega, ħaddem jew ippermetta l-użu ta' servizzi ta' gwardjani privati mingħajr ma kellu liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;
    2. U aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-gżejjer, ħaddem jew għamilha ta' gwardjan privat mingħajr ma kellu liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;
    3. U fl-aħħar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-gżejjer, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Carmel Coleiro, u b'mod li kien jaf jew kien messu kien jaf li dan kien ta fastidju għall-istess persuna.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabetx lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni u minnha illiberatu minn kull ħtija u piena filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu għall-piena ta' xahrejn priġunerija sospiżi għal perjodu ta' sentejn flimkien ma multa t'elfejn u erba' mitt euro pagabbli b'rati mensili kif imsemmija fis-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi Vincent Oliver ABELA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti biex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u tħassar is-sentenza fejn instab ħati tal-ewwel żewġt imputazzjonijiet u b'hekk tilliberah minn kull ħtija jew alternattivament billi jekk ma tħassarx is-sentenza tirriformaha fil-piena inflitta billi timponi piena aktar ekwa u ġusta, u dan wara li saħaq is-segwenti :

   a. L-appellant ma setgħax jiġi misjub ħati in kwantu kien diġa ġie kkundannat b'sentenza datata 16 ta' Lulju 2014 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Vincent Oliver Abela*** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati per Maġistrat Dottor Antonio Micallef Trigona mnejn jirriżulta li huwa kien ġie misjub ħati li fit-28 ta' Settembru 2007 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gżejjer ħadem jew għamilha bħala gwardjan privat mingħajr ma kellu liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija. F'dan il-każ jirriżulta li l-imputazzjonijiet kienu ġew

speċifikati li seħħew fl-24 ta' Novembru 2006 u fix-xhur ta' qabel. Dan ifisser li għalkemm id-dati ma humiex identiċi, hemm perjodi li huma komuni. Dan iwassal għal *ne bis in idem*.

b. Fi żmien meta seħħ dan il-każ l-attivita żvolta mill-appellant ma kienetx taqa' taħt id-definizzjonijiet mogħtija mill-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant ma kienx impjegat jew ħaddiem ma aġenzija ta' gwardjani privati u b'hekk ma setgħax jiġi akkużat li kien qed jaħdem jew ħaddem persuna mingħajr liċenza ta' gwardjan privat meta huwa ma kienx jikkwalifika għall-istess.

c. Il-piena inflitta kienet eċċessiva tenut kont tat-trapass taż-żmien f'dan il-każ.

## D. IL-PARTI SPEĊJALI

### Ikkunsidrat

4. Illi qabel xejn kif intqal aktar il-fuq, il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet fis-sens li huwa kien ħadem ta' gwardjan privat kif ukoll li kien impjega, ħaddem jew ippermetta l-użu ta' servizzi ta' gwardjani privati mingħajr ma huwa kellu liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jiżvolġi dawn l-attivitajiet. Dan ifisser illi l-Qorti tal-Maġistrati kellha ssib lill-appellant ħati taħt l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda jirriżulta li hija sabitu ħati biss taħt l-artikolu 3 u 25(b)(c) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif jirriżulta mid-disposittiv tas-sentenza. Biex setgħet timponi l-piena taħt l-artikolu 25(c) tal-

Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta’ Malta, dik il-Qorti riedet issib ħtija lil hinn minn dak li jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta’ Malta.

5. Illi b’hekk wieħed mir-rekwiżiti ad validitatem imsemmi fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ma ġiex osservat in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli ssemmi wieħed mill-artikoli tal-Liġi li jikkontempla r-reat. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tqis is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala nulla, liema nullita tista’ titqajjem minn din il-Qorti *ex officio*.

6. In bażi għall-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti qegħda tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati in kwantu naqset milli tosserva formalita li trid il-Liġi taħt piena ta’ nullita jew xort’oħra sostanzjali u b’hekk sejra tipproċedi biex tiddeċiedi l-kawża fil-meritu tagħha billi tqis l-aggravji mresqa mill-appellant bħala sottomissjonijiet fil-meritu tal-każ.

**Ikkunsidrat**

7. Illi nhar l-24 ta’ Novembru 2006, l-appellant kien mar jagħmel rapport l-Għassa tal-Ħamrun fejn talab sabiex iwissu lil Carmel Coleiro sabiex ma jmurx ifittxu d-dar. Meta dan ta’ l-aħħar ġie mitkellem, irriżulta illi l-appellant kien qed jagħmel xogħol ta’ investigatur privat mingħajr liċenzja liema fatti ġew magħrufa lilu peress illi l-istess appellant kien għadu kif eżebixxa ritratti u rapport magħmul minnu fil-konfront tiegħu matul proċeduri ta’ separazzjoni li kien għaddej minnhom ma martu. L-għada u ċioe fil-25 ta’ Novembru 2006, il-Pulizija kienu bagħtu għall-appellant fejn ġie mitkellem wara li ngħata d-debita twissija skond il-Liġi. Irriżulta wkoll

mill-provi illi Abela kien akkwista l-kwalifika ta' investigatur privat minn barra minn Malta, liema kwalifiċi kienu ġew debitament rikonoxxuti mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni lokali. Irriżulta wkoll illi hu kien filfatt għamel dan ix-xogħol fuq inkarigu ta' mart Coleiro. L-appellant saħaq illi ma kienx jaf li jinħtieġ li jkollu liċenzja li safejn jaf hu tirregola biss il-gwardjani lokali u mhux dawk privati.

**Ikkunsidrat**

8. F'dan il-każ, l-appellant mhux qed jiċħad illi hu għamel xogħol ta' investigatur privat. Xehed li kien ilu jagħmel dan ix-xogħol għal diversi snin. Tramite l-istudji li għamel huwa kien anke rċieva ċertifikazzjoni rikonoxxuta mill-Amerika. Jiddikjara wkoll u kkonċeda li hu saħansitra ħaddem in-nies miegħu, peress illi dan ix-xogħol ma setgħax jagħmlu waħdu. Matul ix-xhieda tiegħu l-appellant jisħaq ukoll illi hu ġieli tqabbad jassisti anki membri għolja fil-Korp tal-Pulizija illi qatt ma rinfaċċawħ bil-kwistjoni dwar il-liċenzja tiegħu jew aħjar in-nuqqas tal-istess.

9. Il-kwistjoni prinċipali li tqajmet fl-ewwel aggravju mill-appellant hija li hu ma setgħax jinstab ħati tal-ewwel żewġt imputazzjonijiet minħabba l-fatt illi hu kien diġà tressaq bl-istess akkużi identiċi għal dawn fejn l-unika differenza kienet iż-żmien tar-reat indikat peress illi d-data hemm riferita kienet is-27 ta' Settembru 2007 u fix-xhur ta' qabel. Dik is-sentenza ġiet deċiża fil-konfront tiegħu fis-16 ta' Lulju 2014 u saret *res judicata* peress illi l-appellant ma kienx appella minnha. Hu kien instab ħati ta' waħda minn dawn l-akkużi filwaqt li ħareġ illiberat mill-bqija.

10. L-appellant jisħaq ukoll illi t-terminu indikat, allavolja differenti minn dak applikat għal dan il-każ xorta waħda kien ikopri l-istess żmien mertu ta' dawn il-proċeduri minħabba l-fatt illi l-lokuzzjoni użata u l-estensjoni ta' dan iż-żmien jista' jiġi nterpretat li jkopri wkoll it-terminu applikabbli għal dan il-każ u ċioe' l-24 ta' Novembru 2006 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gżejjer.

11. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Eugene Galea***, ġie ritenut is-segwenti:

> 10. Fil-qasam tad-dritt penali huwa prinċipju aċċettat li, bi tħaddim tar-regola tan-ne bis in idem, "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."
>
> Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Alfred Fenech deċiż fis-26 ta' Ġunju 2014 intqal:
> "Il-Qorti ezaminat id-differenzi sottili illi hemm bejn il-Kodici Kriminali u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Filwaqt illi l-Kodici Kriminali jitkellem ghall-istess fatt li jkun suggett tal-kawza l-ohra, il-Kostituzzjoni ta' Malta titkellem dwar l-istess reati 'li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat ...'.
>
> Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fuq imsemmija kontra George Azzopardi [23 ta' Jannar 2014] qalet: 'L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghal akkuzi li dwarhom già ghadda in gudikat jekk l-akkuzi godda setghu jiġu inkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza.' M'hemmx dubbju illi l-akkuzi odjerni huma alternattivi ghall-akkuzi originali li taghhom l-appellat kien digà misjub hati u l-istess provi illi ngabu f'dik il-kawza jistghu jingiebu f'din il-kawza sabiex il-Prosekuzzjoni jkollha success fil-kawza taghha u dana huwa proprju l-argument illi ngab fil-kawza irrapportata mill-ewwel Qorti 'Sua Maesta il Re versus Agatha Mifsud u Carmelo Galea' (15.6.19.18) fejn intqal fost affarijiet ohra 'The true test by which the question whether such a plea is a sufficient bar to any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first.'[1]

[1] Deċiża mill-Imħallef David Scicluna nhar il-15 ta' Frar 2017, ref. Nru. 492/2013DS.

12. Fil-kawża Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Francis Vella vs. Avukat Ġenerali***, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) daħlet fl-interpretazzjoni ta' dan il-prinċipju anki b'referenza għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn irriteniet is-segwenti:

> Meta wiehed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taht l-ordinament guridiku taghna, wiehed iqis li jehtiegjintwera li l-persuna li tkun tqieghdet taht akkuza ohra trid tkun l-istess wahda li kienet tqieghdet taht l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt. Bl-espressjoni l-istessfatt' wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat, konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali - att ta' kommissjoni jew ommissjoni - kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fattikun jirrigwarda l-istess oggett; hekk, per ezempju, min f'okkazjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta' ta' haddiehor u f'okkazjoni ohra jerga' jaghmel l-istess tip ta' hsara fuq l-istess proprjeta' ma jista' bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata. Madankollu, ghall-finijiet ta' stharrig ta' ksur ta' jedd fundamentali, tajjeb li wiehed izomm quddiem ghajnejh li, filwaqt li l-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar l-istess fatt, l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar (l-istess) reat.
>
> Il-garanziji kostituzzjonali ma jistghux ikunu applikati b'xehha jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li taghti l-ligi ordinarja kif tinsab fil-Kodici Kriminali.
>
> Ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-principju tan-ne bis in idem taht il-Konvenzjoni kif applikat taht il-Konvenzjoni dan jiehu xejra xi ftit differenti minn dak li japplika taht il-Kostituzzjoni. L-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, li llum il-gurnata jaghmel bicca mil-ligi ta' Malta, jipprovdi li hadd ma jista' jigi pprocessat jew ikkastigat ghal darba ohra fi procediment kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun gie ipprocessat (kemm jekk ikun inheles kif ukoll jekk ikun instab hati) skond il-ligi u l-procedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jaghmel eccezzjoni fil-kaz li, skond il-ligi u l-procedura penali ta' xi Stat, kaz jista'jerga' jinfetah jekk ikun hemm provi ta' fatti godda li jkunu ghadhom kif irrizultaw, jew jekk fl-ewwel procediment ikun sehh xi vizzju fondamentali, li f'kull kaz minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolgi l-kaz.
>
> Il-principju tan-ne bis in idem jimplika ta bilfors li tkun tezisti sentenza jew decizjoni li tiswa (ghalkemm mhux bilfors tkun wahda li fiha l-akkuzat ikun instab hati) bhala ostaklu ghal procedura dwar l-istess reat warajha.[2]

---

[2] Deċiża nhar it-29 ta' Settembru 2009 mill-Qorti Ċivili Prim Awla fis-sede Kostituzzjonali u ppreseduta mill-Imħallef J.R Micallef. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Nicolai Magrin deċiża mill-istess Qorti u ppreseduta mill-istess Imħallef nhar is-26 ta' Marzu 2009.

13. Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. John Micallef*** dil-Qorti diversament presjeduta iddikjarat illi

> Is-soluzzjoni tal-kwestjoni dwar jekk il-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati kontra l-akkuzat jikkostitwux ksur tal-jedd tieghu tan-ne bis in idem, tiddependi mill-isfera ta' applikazzjoni tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll. Il-Qorti tidentifika dawn l-elementi biex jista' jinghad li tali jedd ikun inkiser: (i) tehid ta' proceduri jew l-ghoti ta' piena mill-gdid; (ii) fi procediment kriminali; (iii) ghal reat li dwaru tkun diga' nghatat decizjoni finali; (iv) fl-istess gurisdizzjoni; u (v) skond il-ligi u l-procedura ta' dak il-pajjiz. L-ghan ewlieni ta' dan l-artikolu huwa ghalhekk dak li jzomm milli ssir ripetizzjoni fl-istess Stat ta' proceduri kriminali li jkunu ntemmu qabel b'decizjoni finali.
>
> Dak li huwa essenzjali ghad-determinazzjoni ta' jekk it-tieni procediment jiksirx ir-regola tan-ne bis in idem hu jekk ir-reat li bih il-persuna tigi mixlija jikkostitwix ghamil bl-istess elementi tar-reat li dwaru dik il-persuna kienet diga' nstabet hatja. Jekk l-elementi jirrizultaw l-istess jew jirkbu fuq xulxin, allura t-tendenza hija li jkun hemm ksur tal-principju tan-ne bis in idem. Min-naha l-ohra, jekk l-ghamil wiehed jaghti lok ghal izjed minn reat punibbli wiehed, it-tehid ta' izjed minn procedura wahda fil-gurisdizzjoni tal-istess Stat dwar kull reat ma jiksirx dik ir-regola.[3]

14. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Grace Gatt et*** u li l-appellant għamel referenza għaliha, din il-Qorti diversament ippreseduta rreferiet għall-ġurisprudenza oħra u stqarret hekk :

> Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Martin Bayliss) vs. Richard Spiteri'6 fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:
> 'Il-Prof. Anthony Mamo, fin-noti tieghu dwar il-procedura kriminali jghid hekk: “The rule is plain: but considerable difficulties may arise in its application. What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the same fact. In “Rex vs. Agata Mifsud et” (15/5/18) Law Reports Vol.XXIII-I-1077, H.M.s Criminal Court said: “Per giudicare se si tratti di fatti identici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita.” In other words, if the fact on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgement was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial. In the case above- quoted, the previous charge against the defendants had been of adultery and they had been found guilty but exempted from punishment on account of tacit remission on the part of the complainant. Relying on the same facts the prosecution charged them again with

[3] Deċiża nhar it-28 ta’ Frar 2007 mill-Qorti Ċivili Prim Awla fis-sede Kostituzzjonali u ppreseduta mill-Imħallef J.R. Micallef.

defilement of minors. The Court admitted the plea of “res judicata” because the fact was substantially the same even though certain circumstances not mentioned in the previous indictment were included in the subsequent indictment. ... ...”
Il-Prof. Mamo ikompli jispjega illi: “It may happen that one and the same fact may give rise at the same time to violations of several provisions of the law so as to create several grounds of incrimination. By “fact” it was explained in “Rex v. Rosaria Protelli” (C.C. 23/2/1904 – Law Reports, Vol. XIX, p. IV, p.1) – “La legge intende il fatto principale in quanto meritevole di pena, o come altri si espresso non intende il fatto semplicemente storico o naturale nei suoi diversi momenti ma il fatto giuridico nel suo complesso.” In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in “Rex v. Portelli” above-quoted, has since become settled law. ... ... But it must be strongly emphasized that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. “Pol. vs. Piscopo” 21/3/1953). The mere circumstance that an act is done more or less at the same time (nello stesso contesto) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events (v. Cr. App. “Pol. vs. Saliba 28/02/1953 and “Pol. vs. Cassar” 9/1/1954; cfr. also Cr. App. “Police vs. Attard” 17/06/1950.) ... ...”

Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spt. M. Buttigieg) Vs Rita Hicklin' gie kkunsidrat:
'Illi dwar l-Ewwel aggravju tan-ne bis in idem, dan hu manifestament infondat. Fl-ewwel lok jigi precizat li s- sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta tal-10 ta’ Novembreu, 2000, li ghaliha tirriferi l-appellanti, proprjament illiberat lill-appellanti odjerna mill- akkuza li taghha kienet instabet hatja b’ sentenza tal- Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 t’ Ottubru, 2000 , mhux fuq xi motivazzjoni dwar il-mertu izda biss ghax fl-appell ma deherx xhud u skond din il-Qorti ma ngabu ebda provi li b’ xi mod jissostanzjaw l- imputazzjoni originarjament migjuba fil-konfront talappellanti f’ dik il-kawza. Issa trattandosi ta’ reat permanenti w cioe’ “continuing offence”, ma hemm xejn xi jzomm lill-Prosekuzzjoni milli terga’ tipprocedi mill-gdid fuq l-istess reat permanenti b’ riferenza pero’ ghal zmien iehor li ma jkunx dak kontemplat fl-akkuza originali li fuqha dak li jkun, ikun gie processat. F’ dan il-kaz proprju hekk sar u fil-waqt li l-ewwel process kien jirrigwarda z-zmien u data tat-13 ta’ Settembru, 1999 u f’ dawk il-granet, din l-akkuza tirrigwarda id-data tat-8 t’ Awwissu, 2001 u dawk il-granet. Ghalhekk din hija akkuza differenti li dwarha ma kien hemm ebda gudikat u ergo l-ewwel aggravju hu manifestament infondat;'

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza b'kunsiderazzjonijiet dettaljati flismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Anthony Cassar) vs. Ramond Mifsud Grech Jean Paul Vella Brian Tonna Jonathan Micallef'10 fejn fost ezami dettaljat dwar il-principju tan-ne bis in idem, inghad ukoll:
'Illi, b’hekk jirrizulta li l-Kodici Kriminali jippostula zewg elementi importanti: fl-ewwel lok, irid ikun hemm sentenza fejn l-imputat jigi liberat mill-akkuzi u,

fit-tieni lok, illi l- istess persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess “fatt” (u mhux l-istess “reat”). A rigward il-kriterji rikjesti mill-Artikolu 527, jirrizulta illi l-imputati tal- kawza odjerna huma l-istess imputati tas-sentenza tat-23 ta’ April 2012. Diga gie sottolineat aktar qabel fejn tinsab iddifferenza bejn iz-zewg kawzi. Jirrizulta li l- imputazzjonijiet originali, ghajr ghal tnejn (li thallew barra), gew trasportati fil-kawza odjerna u d-differenza bejn l- akkuza li ghaddiet in gudikat u dik odjerna hija li f’din tal- ahhar il-hin huwa “fil-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 t’Ottubru 2009 ghall-habta ta’ xi t-tlieta u nofs ta’ fil-ghodu” mentri fil-kaz deciz f’April 2012, l-akkuza kienet: “fil-25 ta’ Ottubru 2009 ghall-habta ta’ xi l-hdax ta’ fil-ghaxija”. Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tiddeciedi dwaru huwa jekk dawn iz-zewg akkuzi jammontawx ghall-istess “fatt” skond id-dispost talArtikolu 527 tal-Kapitolu 9.' Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Philip Ciantar'11 gie kkunsidrat li: 'Issa, il-liġi trid li, sabiex ikun hemm l-ostakolu tal-ġudikat, jeħtieġ li jkun hemm l-istess fatt (ara art. 521 Kap. 12 Ediz. Riv.); Issa, għalkemm hu veru li bil-kelma "fatt" il-ligi tintendi mhux biss il-fatt sempliċement storiku jew naturali, imma anki ġuridiku (Kollez. Vol. XIX-IV-1) b'mod illi jekk il-fatt naturali jagħti lok għal diversi mputazzjonijiet, id-deduzzjoni ta' titolu ta' reat wieħed hija ta' ostakolu għaddeduzzjoni ta' titolu ta' reat ieħor fuq l-istess fatt, hu ugwalment veru, pero', li jekk il-fatt naturali hu divers, allura ma jistgħax ikun hemm lok għal "non bis in idem";'

Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Salvatore Saliba' gie kkunsidrat: 'Biex jista' jingħad li hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni minħabba sentenza preċedenti, hemm bżonn li jkun l-istess fat, fizikament rigwardat (ara art. 521, Kap.12). Ma hux biżżejjed li jingħad li sar fl-istess kuntest ta' azzjoni, u ntant ikun materjalment distingwibli;'[4]

15. Illi fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jisħaq illi l-akkużi mressqa sussegwentement għal dawn iżda li ġew effettivament deċiżi definittivament qabel, jirrigwardaw l-istess akkużi kif ukoll l-istess fatti, fejn jirreferu wkoll għall-istess kwerelant għal dak li jirrigwarda r-reat ta’ fastidju li wasslu mbagħad għall-ħruġ tal-akkużi l-oħra kif miġjuba kontra l-appellant u li tagħhom instab ħati. Madankollu din il-Qorti tinnota mill-fedina penali aġġornata li ġiet eżebita fl-atti illi allavolja l-ewwel żewġ akkużi huma identiċi għal dawk f’dawn il-proċeduri, il-kwerelant fil-każ riferut huwa indikat bħala *Silvio Aquilina* u mhux *Carmel Coleiro*.

[4] Pulizija vs Grace Gatt, deċiża nhar il-11 ta’ Lulju 2019 mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera, bin-numru ta’ referenza 69/2019CSH.

16. Dan ifisser allura illi allavolja l-akkużi redatti huma l-istess u jista' jitqies ukoll illi minħabba l-lokużżjoni użata għal dak li jirrigwarda ż-żmien applikabbli għar-reati in kwistjoni, dawn jistgħu jitqiesu li jidħlu fuq xulxin, żgur ma jistax jingħad illi hawnhekk si tratta tal-istess ***fatti***. Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* ma jistax jiġi applikat f'dan il-każ u konsegwentement l-ewwel aggravju mqajjem qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

17. Illi l-appellant jisħaq illi huwa ma setax jinstab ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu peress illi d-definizzjoni ta' gwardjan privat skont il-Liġi kif kienet fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ ma kienetx tapplika għax-xogħol li huwa kien jagħmel. Hu jagħmel referenza wkoll għall-emendi illi daħlu fis-seħħ **wara** dan il-każ fejn id-definizzjoni ta' gwardjan privat twessgħet sabiex tinkludi wkoll '*servizzi f'post ta' divertiment u servizzi ta' gwardjani privati speċjalizzat*'.

18. Illi l-ewwel żewġ imputazzjonijiet jirrigwardaw il-ksur tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens li l-appellant ħadem bħala gwardjan privat mingħajr licenzja jew ħaddem lil xi persuna jew ippermetta l-użu ta' servizzi ta' gwardjani privati mingħajr ma kellu liċenza.

19. L-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, rifless fit-tieni imputazzjoni jipprovdi li:

> Ebda persuna ma għandha taħdem bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjan privat jew hekk toffri s-servizzi tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

20. L-artikolu 4 tal-istess Liġi, li huwa rifless fl-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, jgħid is-segwenti : -

> Ebda persuna ma tista' timpjega, tħaddem jew tippermetti l-użu ta' servizzi ta' gwardjani privati kemm-il darba dawk is-servizzi ma jingħatawx minn aġenzija ta' gwardjani privati jewminn gwardjani privati, skont il-każ, li għandhom liċenza skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

21. Gwardjan privat huwa individwu li huwa impjegat jew li jaħdem ma aġenzija ta' gwardjani privati fil-provvista ta' servizzi ta' gwardjani privati f'isem dik l-aġenzija.

22. Aġenzija ta' gwardjani privati tfisser kull individwu jew għaqda ta' persuni, korporata jew le, li tipprovdi xi servizzi ta' gwardjani privati jew servizzi ta' gwardjani privati speċjalizzati u tinkludi kull individwu jew għaqda bħal dawk li jimpjegaw jew iħaddmu gwardjani privati.

23. Servizzi ta' gwardjani privati hija definita bħala :

> kull servizz ta' gwardjani, barra minn servizzi ta' gwardjani provduti minn xi dipartiment tal-Gvern jew awtorità taħt id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra barra minn dan l-Att, mogħti minn individwu jew minn għaqda ta' persuni, korporata jew le, dwar -' fosthom:
> '(i) servizzi ta' investigazzjoni privata;'.

24. Il-Kapitolu imsemmi jiddefinixxi ***servizzi ta' investigazzjoni privata*** bħala:

> il-ksib, bejgħ jew provvista lil xi persuna ta' xi tagħrif dwar:
> (a) l-identità, il-kondotta, il-movimenti, fejn tkun, affiljazzjonijiet, assoċjazzjonijiet, transazzjonijiet, reputazzjoni jew karattru ta', xi persuna jew korp ta' persuni;
> (b)il-background jew l-antiċedenti ta' xi applikant għal impieg;
> (ċ) stħarriġ dwar persuni jew proprjetà mitlufa;
> (d) dannu jew ħsara lil proprjetà;

(e) il-prevenzjoni jew il-kxif ta' spjunaġġ industrjali;

25. Din il-Qorti rat il-liġi viġenti fiż-żmien tal-każ in eżami u tal-emendi li saru sussegwentement, u jirriżulta li ma kienx hemm emendi jew introduzzjonijiet ġodda għal dak li jirrigwarda d-definizzjoni tas-servizzi tal-gwardjani privati senjatament għal dak li jirrigwarda l-provvista tax-xogħol ta' investigazzjoni privata. Dan ix-xogħol għalhekk kien diġà kopert minn dan l-Att fiż-żmien mertu ta' dawn il-proċeduri.

26. Is-servizzi li kien jirrendi l-appellant, skont kif imfisser fix-xiehda tiegħu stess, bla ebda dubbju ta' xejn kienu jaqgħu fid-definizzjoni tas-servizzi koperti mill-liġi in kwistjoni. Il-provi prodotti f'dan il-każ, inkluż dawk emerġenti mix-xiehda tiegħu stess, turi kif fil-perjodu in kwistjoni l-appellant kien ipprovda xi forma jew oħra ta' servizzi t'investigazzjoni privata, u b'hekk ħadem u aġixxa ta' gwardjan privat kif ukoll kien qabbad u ħaddem lil ħaddieħor biex jipprovdi wkoll servizzi t'investigazzjoni privata, u dan kollu bi ħlas ta' korrispettiv, u mingħajr ma huwa jew min qabbad kienu koperti b'liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

27. M'hemm l-ebda dubbju illi l-appellant kien tenut illi jakkwista liċenzja sabiex ikun jista' jagħmel dax-xogħol. Bl-istess mod, minn dak illi xehed l-istess appellant m'hemm l-ebda dubbju li huwa kellu persuni oħra impjegati miegħu sabiex jagħmlu dan ix-xogħol, għax kif qal hu stess, dan ix-xogħol ma tistax tagħmlu waħdek. U l-anqas jifdal dubju li dawn riedu wkoll ikunu debitament liċenzati. Din il-Qorti hija soddisfatta li l-provi prodotti jippruvaw lil hinn minn kull

dubju dettat mir-raġuni li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet ġew integrati f'dan il-każ.

**Ikkunsidrat**

28. Illi mhux l-istess pero jista' jingħad fir-rigward tat-tielet imputazzjoni f'dan il-każ. Il-provi prodotti ma jistgħux iwaslu sal-grad rikjest mill-Liġi li l-appellant ikkommetta d-delitt ta' fastidju fis-sens li trid il-Liġi fil-konfront ta' Carmel Coleiro. Mix-xiehda tiegħu jirriżulta li Coleiro ma kienx jaf li l-appellant kien qed isegwi l-passi tiegħu għajr ħlief wara li l-appellant kien ippreżenta r-rapport tiegħu. Coleiro jikkonferma li l-appellant ma kienx kelmu jew heddu waqt li kien qiegħed isegwih – tant li huwa l-anqas kien intebaħ bil-movimenti tal-appellant. Coleiro qal li huwa beda jħossu beżgħan wara li ġie preżentat dak ir-rapport u mhux waqt li kien qiegħed jiġi segwit ad insaputa tiegħu.

29. Din il-Qorti ma tqisx li f'dan il-każ jista jitqies li ġie pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi it-twettieq tar-reat taħt l-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali fl-elementi kollha tiegħu.

# Deċide

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 3, 4 u 25 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-Vincent Oliver ABELA mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tikkundannah għall-piena ta' xahrejn priġunerija liema sentenza pero, ai termini tal-artikolu 28A(1) tal-Kodiċi

Kriminali ma għandhiex tiġi fis-seħħ sakemm l-appellant fi żmien sentejn millum ma jikkommettix reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Inoltre ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti fisret lil ħati fi kliem ċar u li jinftiehem l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fiż-żmien operattiv ta' din is-sentenza. Inoltre, l-Qorti qegħda tikkundannah wkoll għall-ħlas ta multa fl-ammont ta' elfejn euro (Euro 2000) li tista' titħallas permezz ta' rati mensili suċċessivi u ininterrotti ta' mitt euro fix-xahar, u hekk kull ewwel tax-xahar sussegwenti b'dan li jekk l-appellant jonqos minn pagament wieħed huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu konċess lilu u l-ammont bilanċjali sħiħ jiġi dovut kollu f'daqqa u f'każ ta' nuqqas ta' ħlas skont il-Liġi jiġi konvertit fit-terminu tal-artikolu 29 tal-Kodiċi Kriminali.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**